VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,467, 25 ta' Awwissu, 2015
Taqsima B

A.L. 286 tal-2015

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu fid-Dipartimenti tal-Gvern

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2(1) u (3) tal-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li gejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu fid-Dipartimenti tal-Gvern, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa wahda mar-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu fid-Dipartimenti tal-Gvern, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 35.01.

Jemenda t-Taqsima II tal-Iskeda li tinsab mar-regolamenti principali.

2. It-Taqsima II tal-Iskeda li tinsab mar-regolamenti principali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-partiti 9, 23, 25, 26, 31, 34, 35, 36 u 43 tagħha għandhom jitħassru;

(b) il-partiti 10 sa 52 tagħha għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-partiti 9 sa 43;

(ċ) minflok il-partita 10 tagħha kif enumerata mill-ġdid għandu jidħol dan li ġej:

"10. Apparat PMSE *audio* bla fili li jopera kif hemm fil-Wieħed u Tletin Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni) ebda ħlas"; L.S. 399.40.

(d) minflok il-partita 18 tagħha kif enumerata mill-ġdid għandu jidħol dan li ġej:

"18. Apparat għar-radjokomunikazzjoni *Citizens' Band* li jopera kif hemm fis-Sebgħa u Għoxrin Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni) ebda ħlas"; L.S. 399.40.

(e) minflok il-partita 27 tagħha kif enumerata mill-ġdid għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"27. Apparat *short range* li jintuża għal sistemi ta' allarm bla fili inklużi allarmi soċjali li jopera kif hemm fis-Seba' Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni) ebda ħlas"; L.S. 399.40.

(f) minflok il-partita 31 tagħha kif enumerata mill-ġdid għandu jidħol dan li ġej:

"31. *Radio Frequency Identification Devices* (RFID) li joperaw kif hemm fit-Tnax-il Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni) ebda ħlas"; L.S. 399.40.

(g) il-partita 32 tagħha kif enumerata mill-ġdid minflok għandu jidħol dan li ġej:

"32. Apparat tar-radjukomunikazzjoni għal *tracking*, traċċar u akkwist ta' *data* li jopera kif hemm fit-Tlettax-il Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni) ebda ħlas"; L.S. 399.40.

(h) minflok il-partita 35 tagħha kif enumerata mill-ġdid għandu jidħol dan li ġej:

"35. Apparat li jintuża għal applikazzjonijiet ta' radjodeterminazzjoni li jopera kif hemm fit-Tmintax-il Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni) ebda ħlas"; L.S. 399.40.

(h) minflok il-partita 36 tagħha kif enumerata mill-ġdid għandu jidħol dan li ġej:

"36. Apparat ta' radjokomunikazzjoni li jintuża fil-kura tas-saħħa li jopera kif hemm fid-Dsatax-il Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni) ebda ħlas"; L.S. 399.40.

(i) minnufih wara l-partita 43 tagħha kif enumerata mill-ġdid għandha tiżdied din il-partita ġdida li ġejja:

"44. Stazzjonijiet tal-Art fuq Pjattaformi Mobbli li joperaw kif hemm fis-Sbatax-il Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni) ebda ħlas". L.S. 399.40.